**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 33/2015**

**David Vassallo (ID 100498M)**

**vs**

**Pierre Calleja (ID 60668M) u martu Joanne Calleja (ID 473669M)**

**Illum, 14 ta' Diċembru, 2018**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

"1. Illi in forza ta' skrittura ta' lokazzjoni datata 16 ta' Settembru 2014 kopja annessa u esebita Dok A, l-esponenti kera lill-intimati l-fond 66, 'Graceland', Triq iz-Znuber, Attard, kif ahjar deskritt u taht dawk il-kondizzjonijiet imsemmija fl-iskrittura hawn fuq msemmija;

2. Illi l-intimati huma debituri tar-rikorrenti fl-ammont ta’ elfejn u seba’ mitt euro (€2,700) rapprezentanti arretrati ta’ kera ghal perjodu bejn l-1 ta’ Ottubru 2014 sa l-iskadenza li ser taghlaq fil-31 ta’ Marzu 2015, kif ukoll, in oltre huma debituri fl-ammont ta’ elf mija u hmistax il-Ewro u sitta u tmenin centezmu (€1,115.86) rapprezentanti pagamenti imhallsa mill-esponenti lis-socjeta’ ARMS Limited ghal konsum ta’ dawl u ilma f’dan il-fond, imhallas mir-rikorrenti ghan-nom ta’ l-intimati, kif ukoll is-somma ta’ elf disgha mija u tnejn u hamsin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€1,952.73) bhala arretrati ta’ dawl u ilma skond ma jirrizulta minn kont mahrug minn Automated Revenue Management datat 2 ta’ Frar 2015, anness bhala Dok PC2;

3. Illi l-esponenti inutilment interpella lill-intimati permezz ta’ ittra datata 22 t’ Ottubru 2014, kif ukoll ittra ufficjali datata 5 ta’ Dicembru 2015 izda dawn baqghu inadempjenti;

4. Illi l-esponenti kontestwalment ma’ dan ir-rikors ipprezentaw dikjarazzjoni guramentata u affidavit u dan a tenur ta’ l-art 16A tal-Kap 69. L-esponenti a fini tad-disposizzjoni tal-Kap 69 indikata f’dan il-paragrafu jiddikjara bil-gurament illi sa fejn jaf huwa l-intimati m’ghandhomx eccezzjonijiet jew difizi x’jaghtu;

5. Illi dan ir-rikors qed jindika b’mod l-aktar car illi dawn huma proceduri sommarji li fihom is-sentenza ghandha tinghata fl-ewwel dehra fil-kawza jekk l-intimati ikunu kontumaci f’dik is-seduta jew inkella jekk huwa jonqsu milli juru f’dik is-seduta li jkollhom difiza li tiswa u li jistghu jaghmlu sabiex jikkontestaw.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bil-qima lil dan il-Bord:

1. Joghogbu jghaddi ghad-decizjoni minnufih billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti bid-dispensa tas-smigh a tenur ta' l-art 16A;

2. Tiddikjara u ticciedi illi l-intimati huma moruzi fil-pagament fl-ammont ta' hamest elef seba' mija u tmienja u sittin ewro u disgha u hamsin centezmu (€5,768.59) rapprezentanti arretrati ta' kera fl-ammont ta' elfejn u seba' mitt ewro (€2,700) pagamenti mhallsa mill-esponenti lis-socjeta ARMS Limited ghal konsum ta' dawl u ilma f'dan il-fond fl-ammont ta' elf mija u hmistax il-ewro u sitta u tmienin centezmu (€1,115.86), kif ukoll arretrati ta' dawl u ilma skond ma jirrizulta minn kont mahrug minn Automated Revenue Mangement datat 2 ta' Frar 2015, fl-ammont ta' elf disgha mija u tnejn u hamsin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€1,952.73);

3. Tikkundanna lill-intimati jithallsu is-somma ta' hamest elef seba' mija u tmienja u sittin ewro u disgha u hamsin centezmu (€5,768.59) hawn fuq imsemmija;

4. Tordna x-xoljiment tal-tal-lokazzjoni u l-iskrittura imsemmija tas-16 ta' Settembru 2014;

5. Tordna l-izgumbrament ta' l-intimati fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit mill-Bord mill-fond fuq imsemmi 66, 'Graceland', Triq iz-Znuber, Attard, kif ahjar deskritt fl-iskrittura msemmija;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment u ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Dicembru 2014 u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-ligi.

Il-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni."

Ra illi l-intimati debitament notifikati ma prezentaw l-ebda risposta.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' l-provi.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ra u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidra:

Illi f'din il-kawza r-rikorrenti talbu li (a) il-Bord jiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigħ; (b) dikjarazzjoni l-intimati huma moruzi fl-ammont ta' hamest elef seba' mija u tmienja u sittin ewro u disgha u hamsin centezmu (€5,768.59) rapprezentanti arretrati ta' kera fl-ammont ta' elfejn u seba' mitt ewro (€2,700) u pagamenti mhallsa mill-esponenti lis-socjeta ARMS Limited ghal konsum ta' dawl u ilma f'dan il-fond fl-ammont ta' elf mija u hmistax il-ewro u sitta u tmienin centezmu (€1,115.86), kif ukoll arretrati ta' dawl u ilma skond ma jirrizulta minn kont mahrug minn Automated Revenue Mangement datat 2 ta' Frar 2015, fl-ammont ta' elf disgha mija u tnejn u hamsin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€1,952.73); (c) kundanna ghall-hlas tal-istess; (d) xoljiment tal-lokazzjoni u (e) zgumbrament tal-intimati. Bl-ispejjez.

Illi l-intimati, gew debitament notifikati bir-rikors u bid-digriet skont ir-riferta fuq in-naha ta' wara ta' folio 19 tal-process sa folio 47 tal-process u bid-digriet u l-avviz tas-smigh skont ir-riferta fuq in-naha ta' wara ta' folio 59 sa 71 tal-process u a folio 83 sa 84 tal-process.

Illi l-intimati ma prezentaw l-ebda risposta sabiex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrent u lanqas dehru quddiem il-Bord sabiex jikkontestaw it-talba.

Illi fir-rigward tal-ewwel talba tar-rikorrenti, minhabba t-trapass taz-zmien sabiex issir in-notifika tal-intimata, din il-kawza hadet il-kors normali taghha u ghalhekk l-ewwel talba tinsab ezawrita.

Illi fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2018 xehed ir-rikorrent, a folio 87 tal-process, fejn ikkonferma t-talbiet tieghu u prezenta wkoll Dokumenti DV1 sa DV10 sabiex jissostanzja t-talbiet tieghu.

Illi mill-imsemmija xhieda u dokumenti t-talbiet tar-rikorrent jinsabu pruvati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghaldaqstant il-Bord qieghed jilqa' t-tieni, t-tielet, ir-raba' u l-hames talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra l-intimati, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment mal-kawza u ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Dicembru 2014.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Reġistratur